MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2009

Numru. 503/2003

PULIZIJA
SPETTUR JAMES GRECH
VS
DEBORAH FARRUGIA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Deborah Farrugia ta' 18-il sena, bint *missier mhux maghruf* u Dorothy Farrugia, imwielda Attard, fid-29 ta' Gunju 1985, residenti Entrance 'E', Flat Nru.7, Triq il-Konti G.H. Ciantar, Binja Vista, Birkirkara u detentura tal-karta ta' l-Identita' bin-numru 346284(M)

Billi hija akkuzata talli fit-31 ta' Marzu 2003 bejn id-9:00pm u l-11:00pm gewwa l-Belt - Valletta:

a) Ikkommettiet serq ta' vettura numru XTC 029 tal-marka Hyundai Accent li l-valur taghha huwa ta' aktar minn Lm1000 ghad-dannu ta' Carmen Spiteri mill-Belt -

Valletta, liema serq huwa aggravat bil-valur, bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u dan bi ksur ta’ l-Artikoli 261 (b)(c)(f)(g), 263 (a), 267, 270 u 271 (g) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

b) Volontarjament hassret, ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe ghamlet hsara fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni XTC 029 tal-marka Hyundai Accent propjeta’ ta’ Carmen Spiteri, liema hsara hija ta’ aktar minn Lm 10 (ghaxar liri Maltin) izda mhux aktar minn Lm 50 (hamsin Lira Maltin) ghad-dannu ta’ l-istess Carmen Spiteri u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 325 (c) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

c) U aktar talli f’dawn il-Gzejjer, xjentement xtrat jew laqghet ghandha hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan isir Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod iehor li jkun indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 334 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

d) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saqet l-imsemmija vettura meta ma kelliex licenzja valida tas-sewqan u l-istess vettura ma kinitx licenzjata biex tintuza fit-triq bi ksur ta’ l-Artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta’ Malta;

e) U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi saqet l-imsemmija vettura meta kellha licenzja tas-sewqan sospenduta u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 59 tal-Kap.65 tal-Ligjiet ta’ Malta;

f) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saqet l-imsemmija vettura meta ma kienx koperat b’polza tas-sigurta’ jew garanzija dwar ir-riskju tat-terzi persuni u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 3 (1) tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli b’hekk saret recidiva u kisret il-provedimenti ta’ l-Artikolu 9 u 5 tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenzi li saru definittivi u dan bi ksur ta’ l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali taht liema Artikoli din il-Qorti tista' ssib htija fuq l-imputata.

Rat il-verbal tas-26 ta' Lulju, 2006 fejn l-imputata ma sabitx oggezzjoni li tigi gudikata minn din il-Qorti.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda ta' l-ufficjal prosekutur, Paul Camilleri, jirrizulta li certu Carmen Spiteri kienet ghamlet rapport dwar serq tal-karozza taghha XTC 029 tal-marka Hyundai. Illi minn indagni ta' PS 1336 Fabian Fleri jirrizulta li l-Pulizija waqt 'patrol' osservaw l-imsemmija karozza tigi misjuqha minn Deborah Farrugia aktar tard waqt l-istess lejl. PS 1336 Fleri, pprova jintercetta lill-imputata, izda din zgiccatlu u ftit wara osserva lill-imputata, tieqaf bil-karozza u tahrab tigri.

L-Ispettur Camilleri xhed illi Deborah Farrugia rrilaxxat stqarrija a fol.12 et seq. fejn innegat l-allegazzjonijiet ta' serq izda ammettiet li saqet din il-karozza ta' Carmen Spiteri xi xahar qabel id-data ta' l-akkuza.

Gew ezebiti sentenzi: Dok.PS 23 u Dok.PS 24, fejn l-imputata, Deborah Farrugia, giet projibita milli tottjeni licenzja tas-sewqan.

Carmen Spiteri xhedet (a fol.22 et seq.) u kkonfermat illi l-karozza XTC 029 kienet propjeta' taghha u li kienet halliet il-karozza ipparkjata fejn darha l-Belt. In segwitu, ghamlet rapport l-Ghassa tal-Pulizija. Illi sussegwentement, il-Pulizija nfurmawha li l-karozza nstabet u li din il-karozza kellha hsarat fis-'safe starter' u fis-sistema' ta' l-alarm. Carmen Spiteri xhedet illi dak iz-zmien il-karozza ma kinitx koperta b'licenzja u b'insurance stante li kienu skadew. **Carmen Spiteri xhedet illi ma jidhirliex illi l-imputata kienet ser tisreqilha l-karozza il-ghaliex dak iz-zmien**

**huma kienu hbieb, tant illi l-imputata kienet tghix ghandha.** Carmen Spiteri xhedet illi hija kellha basket bi hwejjeg personali taghha fil-karozza u basket iehor bil-hwejjeg ta' Deborah u li kienet sabet it-taqlib **fiz-zewg basktijiet.**

Spettur Pierre Micallef Grimaud a fol.36 ezebixxa sentenza Dok.MG

PS 928 Ramon Mifsud Grech ikkonferma r-rapport tas-serqa tal-vettura msemmija minn Carmen Spiteri u ezebixxa r-rapport Dok.PS

Ex-Spettur Mario Buttigieg, ikkonferma l-identita' ta' l-imputata fil-konfront tas-sentenza Dok.PS 23.

Brian Farrugia, mill-'Licensing Directorate', ikkonferma li Carmen Spiteri kienet proprejattrici tal-karozza XTC 029 (a fol.53)

WPC 229 Spiteri, xhud ta' l-istqarrija ta' l-imputata, ikkonfermat il-prezenza taghha maghtul l-istqarrija.

David Debono (a fol.92), Manager ta' 'Montalto Insurance Agency Limited', ikkonferma illi l-imsemmija karozza kienet inxurjata mit-3 ta' April 2003 sal-31 ta' Dicembru 2003, f'isem Carmen Spiteri u pprezenta Dok.DD

PS 426 Charlot Casha, kkonferma r-ritratti ezebiti a fol.14 tal-process.

Spettur Dennis Theuma (a fol.113), ikkonferma s-sentenza ezebita a fol.17 u gharaf lill-imputata.

L-imputata ghazlet li ma tixhidx u ddikjarat li ma ghandiex provi xi tressaq.

Ikkonsidrat:

Mill-provi prodotti, din il-Qorti hija mholliha b'dubbju serju dwar l**-identita' tal-persuna** li wettqet is-serqa tal-karozza ta' Carmen Spiteri. Dan qieghed jinghad ghal diversi ragunijiet. Filwaqt li l-imputata ammettiet li hija kienet saqet il-vettura ta' Carmen Spiteri, xahar qabel (u cioe ghal habta tal-15 ta' Marzu 2003), meta ma kinitx koperta b'insurance u ma kelliex licenzja tas-sewqan, hija nnegat, b'mod ripetut, illi serqet il-karozza ta' Carmen Spiteri. Fl-istqarrija tghid:

***"Il-Pulizija tant gew f'dubbju illi marru jistaqsu ohra li tixbahni li jisimha Lourdes li toqghod il-Gzira u tallbuha l-ID card."*** (ara fol.13)

Illi, di piu', **Carmen Spiteri kkonfermat illi dak iz-zmien tas-serqa, hi u Deborah Farrugia kienu hbieb u Deborah Farrugia kienet tghix ghandha u li apparti l-hsara fil-karozza taghha, sabet taqlib fi hwejjigha, kif ukoll f'basket li kien jikkontjeni l-hwejjeg ta' l-istess imputata u ghaldaqstant ikkonkludiet li ma setatx kienet Deborah Farrugia.**

Illi d-dubbju serju dwar l-identita', il-konvinzjoni ta' Carmen Spiteri, li ma kinitx l-imputata responsabbli ghas-serq meritu tac-citazzjoni u l-fatt li kien hemm taqlib fil-hwejjeg personali kemm ta' l-imputata kif ukoll ta' Spiteri fil-karozza involuta, jimmilitaw kontra s-sejbin ta' htija stante li hija l-fehma ta' din il-Qorti illi l-Prosekuzzjoni ma lahqitx il-livell probatorju u cioe minghajr dubbju dettat mir-raguni sabiex tipprova l-akkuza dwar serq da parti ta' l-imputata.

Illi l-prova ta' recidiva saret skond il-Ligi, bl-ezibizzjoni tas-sentenza in atti u bil-konferma ta' l-identita' mill-Ispettur Pierre Micallef Grimaud u l-Ispettur Mario Buttigieg.

Illi jrid jigi notat illi l-imputata tinstab akkuzata talli “Fil-31 ta’ Marzu 2003 bejn id-disgha u l-hdax ta’ filghaxija (9:00pm, 11:00pm) gewwa l-Belt Valletta; b’serq ta’ vettura fost akkuzi ohra.”

Illi, l-akkuza tan-nuqqas ta’ licenzja valida, hija marbuta **ma’ l-istess data cioe 31 ta’ Marzu 2003** u l-ufficjal prosekutur, minkejja l-ammissjoni ta’ Deborah Farrugia, fl-istqarrija taghha, naqas illi jakkuza lill-imputata bid-dati li ndikat hija stess fl-istqarrija taghha.

Illi ghaldaqstant il-Qorti ssib lill-imputata, Deborah Farrugia, mhux hatja skond l-akkuza u tilliberaha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------